# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2245

**tat-18 ta' Diċembru 2020**

**dwar is-swieq rilevanti tal-prodotti u tas-servizzi fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante* f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi**

*(notifikata bid-dokument C(2020) 8750)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ([1]) (il-Kodiċi), u b'mod partikolari l-Artikolu 64(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/1972, minbarra t-tliet objettivi primarji tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni, tal-interessi tas-suq intern u tal-utenti finali, tfittex tippromwovi l-konnettività u l-aċċess għal, u l-użu ta', networks b'kapaċità għolja ħafna, inkluż networks fissi, mobbli u bla fili, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji kollha tal-Unjoni.

(2) L-inċentivi xierqa għall-investiment f'networks ġodda b'kapaċità għolja ħafna, li jappoġġaw l-innovazzjoni f'servizzi tal-Internet għonja fil-kontenut, se jsaħħu l-kompetittività internazzjonali tal-Unjoni filwaqt li jagħtu benefiċċji lill-konsumaturi u lin-negozji tagħha. Għalhekk hu kruċjali li jiġi promoss investiment sostenibbli fl-iżvilupp ta' networks b'kapaċità għolja ħafna permezz ta' qafas regolatorju adattat u prevedibbli kif xieraq.

(3) Wieħed mill-għanijiet tal-qafas regolatorju l-ġdid hu li progressivament jitnaqqsu r-regoli *ex ante* speċifiċi għas-settur hekk kif tiżviluppa l-kompetizzjoni fis-swieq u, fl-aħħar mill-aħħar, li jkun żgurat li s-swieq tal-komunikazzjoni elettronika jkunu regolati biss mid-dritt tal-kompetizzjoni. F'konformità ma' dan l-objettiv, din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tidentifika dawk is-swieq tal-prodotti u tas-servizzi li fihom ir-regolamentazzjoni *ex ante* tista' tkun ġustifikata.

(4) Id-definizzjoni tas-swieq rilevanti tista' tinbidel maż-żmien hekk kif il-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi disponibbli f'dawn is-swieq jevolvu u l-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tad-domanda u l-provvista jinbidlu minħabba żviluppi teknoloġiċi, tas-suq u regolatorji. Għalhekk, għal din ir-raġuni, din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-2014 ([2]).

(5) L-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi jeżiġi li l-Kummissjoni tidentifika swieq fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, li l-karatteristiċi tagħhom jistgħu jkunu tali li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' obbligi regolatorji skont il-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni jintużaw f'din ir-Rakkomandazzjoni biex jiddefinixxu s-swieq tal-prodotti rilevanti fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika.

---

([1]) ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/710/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar swieq rilevanti ta' prodotti u servizzi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma suxxettibbli għar-regolamentazzjoni *ex ante* f'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 79).

(6) L-objettiv aħħari tal-intervent regolatorju hu li jiġu prodotti benefiċċji għall-utenti finali f'termini ta' prezz, kwalità u għażla billi tinkiseb kompetizzjoni sostenibbli fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. Il-punt tat-tluq għall-identifikazzjoni tas-swieq rilevanti f'din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ ikun id-definizzjoni tas-swieq bl-imnut f'perspettiva progressiva fuq medda ta' żmien partikolari, gwidata mid-dritt tal-kompetizzjoni. Tabilħaqq, fejn is-swieq bl-imnut ikunu effettivament kompetittivi fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jikkonkludu li r-regolamentazzjoni ma għadhiex meħtieġa fis-swieq bl-ingrossa relatati.

(7) Skont l-Artikolu 67(1) tal-Kodiċi, l-impożizzjoni ta' obbligi regolatorji *ex ante* tista' tiġi ġġustifikata biss fi swieq fejn it-tliet kriterji msemmija fl-Artikolu 67(1)(a), (b), (c) jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv. Din ir-Rakkomandazzjoni tinkludi swieq tal-prodotti u tas-servizzi, li l-Kummissjoni, wara li osservat ix-xejriet ġenerali fl-Unjoni, sabet li jissodisfaw it-tliet kriterji. Għalhekk dawn is-swieq huma kkunsidrati mill-Kummissjoni li għandhom karatteristiċi li jistgħu jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' obbligi regolatorji tal-inqas f'xi żoni ġeografiċi u matul perjodu prevedibbli. Jenħtieġ ikun f'idejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li fl-analiżijiet tagħhom ta' dawn is-swieq jikkunsidraw jekk ir-rekwiżiti ulterjuri stipulati fl-Artikolu 67(2) humiex issodisfati.

(8) L-ewwel kriterju jirrigwarda l-preżenza ta' ostakli kbar u mhux tranżitorji għad-dħul. Hu jfittex li jistabbilixxi jekk, meta, u sa liema punt id-dħul fis-suq aktarx iseħħ, u li jidentifika l-fatturi rilevanti għal dħul b'suċċess f'suq tal-komunikazzjoni elettronika. Minn perspettiva statika, żewġ tipi ta' ostakli għad-dħul huma partikolarment rilevanti għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni: ostakli strutturali u ostakli legali jew regolatorji.

(9) L-ostakli strutturali għad-dħul ġejjin minn kundizzjonijiet differenti ta' kostijiet jew domanda li jiddeterminaw kundizzjonijiet asimmetriċi bejn l-operaturi stabbiliti u dawk ġodda, li jimpedixxu jew jipprevjenu d-dħul fis-suq ta' dawn tal-aħħar. Pereżempju, ostakli strutturali għoljin jistgħu jinstabu wkoll meta s-suq ikun ikkaratterizzat minn vantaġġi assoluti fil-kostijiet jew effetti sostanzjali fuq l-ekonomiji ta' skala u/jew in-networks, restrizzjonijiet tal-kapaċità u/jew kostijiet mitlufa għoljin. Ostakli strutturali jistgħu jeżistu wkoll meta l-provvista tas-servizz tirrikjedi komponent tan-network li ma jistax jiġi duplikat teknikament jew id-duplikazzjoni tiegħu ma tkunx ekonomikament fattibbli.

(10) L-ostakli legali jew regolatorji jista' jkollhom effett dirett fuq il-kundizzjonijiet tad-dħul u/jew il-pożizzjonament tal-operaturi fis-suq rilevanti. F'setturi regolati, il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ir-restrizzjonijiet territorjali, l-istandards ta' sikurezza u sigurtà, u rekwiżiti legali oħra jistgħu jiskoraġġixxu jew idewmu d-dħul. Madankollu, ir-rilevanza tal-ostakli legali u regolatorji fis-swieq tal-komunikazzjoni elettronika qed tonqos. L-ostakli legali jew regolatorji li aktarx jitneħħew fil-perjodu taż-żmien rilevanti ta' 5 snin ma għandhomx normalment jikkostitwixxu ostaklu għad-dħul b'tali mod li jiġi ssodisfat l-ewwel kriterju.

(11) Fi swieq xprunati mill-innovazzjoni kkaratterizzati minn progress teknoloġiku kontinwu, bħas-swieq tal-komunikazzjoni elettronika, l-ostakli għad-dħul jistgħu progressivament isiru inqas rilevanti. F'dawn is-swieq, ir-restrizzjonijiet kompetittivi ħafna drabi jiġu minn theddid minn kompetituri innovattivi potenzjali li bħalissa mhumiex fis-suq. Għalhekk, il-possibbiltajiet biex jingħelbu l-ostakli għad-dħul fil-perjodu taż-żmien rilevanti jenħtieġ jitqiesu wkoll meta jiġu identifikati s-swieq rilevanti għal regolamentazzjoni *ex ante* possibbli. Din ir-Rakkomandazzjoni tidentifika swieq meta l-ostakli għad-dħul huma mistennija jippersistu għall-perjodu tal-5-10 snin li ġejjin.

(12) L-ostakli differenti għad-dħul ma għandhomx jitqiesu waħedhom iżda b'mod kumulattiv. Filwaqt li ostaklu għad-dħul meta jitqies individwalment ma jistax jitqies bħala kbir, flimkien ma' ostakli oħra jista' joħloq effetti li b'mod kumulattiv jipprevjenu jew jimpedixxu d-dħul fis-suq.

(13) It-tieni kriterju jindirizza jekk struttura tas-suq għandhiex tendenza lejn kompetizzjoni effettiva fil-perjodu taż-żmien rilevanti, b'kunsiderazzjoni għall-istat u l-prospett ta' kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura u sorsi oħra ta' kompetizzjoni wara l-ostakli għad-dħul. Analiżi tal-kompetizzjoni effettiva timplika li s-suq se jsir effettivament kompetittiv fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni *ex ante* fil-perjodu ta' rieżami, jew se jagħmel dan wara dak il-perjodu, sakemm evidenza ċara ta' dinamika pożittiva fis-suq tkun diġà osservabbli fil-perjodu ta' rieżami. Pereżempju, il-konverġenza tal-prodotti, mogħtija permezz ta' teknoloġiji differenti tan-network, tista' twassal biex jiġu eżerċitati restrizzjonijiet kompetittivi minn operaturi attivi fi swieq distinti tal-prodotti u tista' twassal għall-konverġenza tas-swieq.

(14) Anki meta suq ikun ikkaratterizzat minn ostakli kbar għad-dħul, fatturi strutturali oħra f'dak is-suq jistgħu jindikaw li s-suq xorta waħda għandu tendenza lejn kompetizzjoni effettiva fil-perjodu taż-żmien rilevanti. Fi swieq fejn numru akbar ta' networks jista' jkun mistenni fuq bażi progressiva, l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju tinvolvi primarjament eżami tal-istat u l-iżvilupp futur probabbli tal-kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura.

(15) Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-kompetizzjoni u l-ħtieġa ta' intervent regolatorju, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ iqisu wkoll jekk aċċess bl-ingrossa hux disponibbli għal kwalunkwe impriża interessata b'termini kummerċjali raġonevoli li jippermettu eżiti kompetittivi sostenibbli għall-utenti finali fis-suq bl-imnut. Ftehimiet kummerċjali, inkluż ftehimiet dwar l-aċċess bl-ingrossa, ftehimiet ta' koinvestiment u ftehimiet ta' aċċess reċiproku bejn l-operaturi, li ddaħħlu fuq bażi dejjiema u li huma sostenibbli, għandhom il-potenzjal li jtejbu d-dinamika kompetittiva u fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jsolvu t-tħassib dwar il-kompetizzjoni għas-suq tal-bejgħ bl-imnut relatat u għalhekk iwasslu għal deregolamentazzjoni tas-swieq bl-ingrossa. Għalhekk, sakemm ikunu konformi mal-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni, jenħtieġ jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk suq hux mistenni li jsir kompetittiv fuq bażi progressiva.

(16) L-iżviluppi teknoloġiċi, jew il-konverġenza tal-prodotti u s-swieq, jistgħu jwasslu biex jiġu eżerċitati restrizzjonijiet kompetittivi bejn l-operaturi attivi fi swieq distinti tal-prodotti. F'dan ir-rigward, is-servizzi over-the-top (OTT), li llum ġeneralment mhumiex meqjusa bħala sostituti diretti għas-servizzi tradizzjonali pprovduti mill-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, u li fi kwalunkwe każ ma jipprovdux konnettività fiżika u tad-*data*, madankollu jista' jkollhom rwol aktar importanti f'ċerti swieq tal-bejgħ bl-imnut fis-snin li ġejjin minħabba żviluppi teknoloġiċi ulterjuri u l-espansjoni kontinwa tagħhom u sussegwentement jeżerċitaw restrizzjoni indiretta fuq is-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa.

(17) Id-deċiżjoni li suq jiġi definit bħala suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante* jenħtieġ li tiddependi wkoll fuq valutazzjoni tas-suffiċjenza tad-dritt tal-kompetizzjoni li jindirizza b'mod adegwat in-nuqqasijiet tas-suq identifikati. Dan it-tielet kriterju għandu l-għan li jivvaluta l-adegwatezza tad-dritt tal-kompetizzjoni biex jindirizza l-falliment(i) persistenti tas-suq identifikati, b'mod partikolari minħabba li l-obbligi regolatorji *ex ante* jistgħu effettivament jipprevjenu l-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. L-interventi bbażati fuq id-dritt tal-kompetizzjoni aktarx li ma jkunux biżżejjed meta intervent frekwenti u/jew f'waqtu jkun indispensabbli biex jiġi/u rrimedjat(i) il-falliment(i) persistenti fis-suq. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-regolamentazzjoni *ex ante* jenħtieġ li titqies bħala komplement xieraq għad-dritt tal-kompetizzjoni. B'mod ġenerali, l-applikazzjoni tar-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni fi swieq ikkaratterizzati minn kompetizzjoni sostenibbli u effettiva bbażata fuq l-infrastruttura jenħtieġ tkun biżżejjed.

(18) L-applikazzjoni ta' dawn it-tliet kriterji kumulattivi jenħtieġ tillimita l-għadd ta' swieq regolati fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u b'hekk tikkontribwixxi biex tnaqqas progressivament ir-regolamentazzjoni *ex ante* speċifika għas-settur hekk kif tiżviluppa l-kompetizzjoni f'dawk is-swieq. In-nuqqas ta' lħuq ta' xi wieħed mit-tliet kriterji jindika li suq mhux suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante*. Hu essenzjali li jiġu imposti obbligi regolatorji *ex ante* fuq suq bl-ingrossa biex tiġi żgurata kompetizzjoni sostenibbli biss fejn ikun hemm impriża waħda jew aktar b'saħħa sinifikanti fis-suq u fejn ir-rimedji tad-dritt tal-kompetizzjoni ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw il-problema.

(19) Swieq emerġenti ġodda jitqiesu li jinkludu prodotti jew servizzi fejn, minħabba n-novità tagħhom, ikun diffiċli li wieħed jipprevedi l-kundizzjonijiet tad-domanda jew il-kundizzjonijiet tad-dħul fis-suq u tal-provvista, u konsegwentement ikun diffiċli li jiġi applikat it-test tat-tliet kriterji. Jenħtieġ li dawn is-swieq ma jkunux soġġetti għal obbligi regolatorji *ex ante* mhux xierqa biex jippromwovu l-innovazzjoni, filwaqt li jipprevjenu, fl-istess ħin, il-preklużjoni mill-impriża ewlenija ([3]). It-titjib inkrementali għall-infrastruttura tan-network eżistenti rari jwassal għall-ħolqien ta' suq ġdid jew emerġenti. In-nuqqas ta' sostitwibbiltà ta' prodott għandu jiġi stabbilit kemm mil-lat tad-domanda kif ukoll minn dak tal-provvista qabel ma jkun jista' jiġi konkluż li mhux parti minn suq diġà eżistenti. Il-ħolqien ta' servizzi bl-imnut ġodda jista' jwassal għal suq bl-ingrossa ġdid derivat, sa tali punt li dawn is-servizzi bl-imnut ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti bl-użu ta' prodotti bl-ingrossa eżistenti.

([3]) Ara l-Premessa 23 tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-suq u l-valutazzjoni tas-saħħa sinifikanti fis-suq skont il-qafas regolatorju tal-UE għan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU C 159, 7.5.2018, p. 1) u l-Premessa 163 tal-KEKE.

(20) Minħabba l-evoluzzjoni tal-kompetizzjoni, inkluż il-kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura, din ir-Rakkomandazzjoni tidentifika biss swieq rilevanti fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa, kif kien il-każ fir-Rakkomandazzjoni tal-2014. Ir-regolamentazzjoni *ex ante* imposta fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa jenħtieġ titqies suffiċjenti biex tindirizza problemi potenzjali ta' kompetizzjoni fis-suq/swieq tal-bejgħ bl-imnut downstream relatati.

(21) F'konformità mal-Premessa 165 tal-Kodiċi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ tal-inqas janalizzaw is-swieq li huma elenkati fir-Rakkomandazzjoni, inkluż dawk is-swieq li huma elenkati iżda li ma għadhomx regolati fil-kuntest speċifiku nazzjonali jew lokali. Fir-rigward tas-swieq elenkati fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu xorta jqisu li jkun xieraq, abbażi ta' ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, li jitwettaq it-test tat-tliet kriterji. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jikkonkludu li t-test tat-tliet kriterji ma jkunx issodisfat fiċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi. Jekk it-test tat-tliet kriterji ma jkunx issodisfat għal suq speċifiku elenkat fir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma jimponux obbligi regolatorji fuq dak is-suq.

(22) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ janalizzaw ukoll is-swieq li mhumiex inklużi f'din ir-Rakkomandazzjoni, iżda li huma regolati fit-territorju tal-ġurisdizzjoni tagħhom abbażi ta' analiżi preċedenti tas-suq, jew swieq oħra, jekk ikollhom raġunijiet suffiċjenti biex iqisu li t-test tat-tliet kriterji ġie ssodisfat. Għalhekk, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jiddefinixxu wkoll swieq ta' prodotti u servizzi rilevanti oħra, li mhumiex elenkati f'din ir-Rakkomandazzjoni, jekk jistgħu jagħtu prova li fil-kuntest nazzjonali tagħhom, is-swieq jissodisfaw it-test tat-tliet kriterji.

(23) Meta ssir analiżi tas-suq skont l-Artikolu 67 tal-Kodiċi, kemm l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kif ukoll il-Kummissjoni jenħtieġ jibdew l-analiżi mis-swieq tal-bejgħ bl-imnut. Il-valutazzjoni ta' suq jenħtieġ issir b'perspettiva progressiva fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni bbażata fuq sejba ta' saħħa sinifikanti fis-suq u li tibda mill-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq. L-analiżi jenħtieġ tivvaluta jekk is-suq huwiex prospettivament kompetittiv u jekk xi nuqqas ta' kompetizzjoni hux wieħed dewwiemi, billi tqis l-iżviluppi mistennija jew prevedibbli tas-suq. L-analiżi jenħtieġ tqis l-effetti ta' tipi oħra ta' regolamentazzjoni applikabbli għas-suq/swieq bl-imnut rilevanti u s-suq/swieq bl-ingrossa relatati tul il-perjodu regolatorju rilevanti kollu.

(24) Jekk is-suq bl-imnut ikkonċernat ma jkunx effettivament kompetittiv minn perspettiva progressiva fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni *ex ante*, is-suq/swieq bl-ingrossa korrispondenti suxxettibbli għar-regolamentazzjoni *ex ante* f'konformità mal-Artikolu 67 tal-Kodiċi jenħtieġ li jiġu definiti u analizzati. Barra minn hekk, meta jiġu analizzati l-konfini u s-saħħa tas-suq fi ħdan (a) is-suq/swieq bl-ingrossa rilevanti korrispondenti biex jiġi ddeterminat jekk hux/humiex effettivament kompetittivi, jenħtieġ li jitqiesu restrizzjonijiet kompetittivi diretti u indiretti, irrispettivament minn jekk dawn ir-restrizzjonijiet jirriżultawx minn networks tal-komunikazzjoni elettronika, servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jew tipi oħra ta' servizzi jew applikazzjonijiet li huma ekwivalenti mill-perspettiva tal-utenti finali.

(25) Meta jiddefinixxu s-swieq bl-ingrossa rilevanti li jistgħu jkunu suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante*, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jibdew billi janalizzaw is-suq li huwa l-aktar upstream tas-suq bl-imnut li fih ġew identifikati problemi kompetittivi. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li jwettqu analiżi tas-swieq li jinsabu downstream minn input upstream regolat, biex jiddeterminaw jekk ikunux effettivament kompetittivi fil-preżenza tar-regolamentazzjoni upstream, sakemm jilħqu s-suq tal-bejgħ bl-imnut.

(26) L-aktar suq upstream jista', skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, jikkonsisti minn jew jinkludi prodotti tal-bejgħ bl-ingrossa aktar ġeneriċi għas-swieq kollha bħall-aċċess għall-infrastruttura fiżika (eż. aċċess għall-kanali) jew prodotti ta' aċċess passiv. B'mod partikolari, meta teżisti infrastruttura tal-inġinerija ċivili u din tista' terġa' tintuża, aċċess effettiv għal tali infrastruttura jista' jiffaċilita b'mod sinifikanti l-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura għall-benefiċċju tal-utenti finali.

(27) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li hu xieraq li jiġi inkluż suq separat għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika f'din ir-Rakkomandazzjoni. Madankollu, billi hemm differenzi sinifikanti fit-topoloġiji tan-network, id-disponibbiltà ta' kanali li jinsabu kullimkien u l-livell tad-domanda għall-aċċess għall-kanali u l-arbli madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li suq separat għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika fil-preżent ma jistax jiġi identifikat fil-livell tal-Unjoni u għalhekk jenħtieġ ma jiġix inkluż fil-lista ta' swieq suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante*.

(28) Barra minn hekk, l-Artikolu 72 tal-Kodiċi jippermetti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu aċċess għall-inġinerija ċivili bħala rimedju awtonomu fuq kwalunkwe suq bl-ingrossa rilevanti. Tali obbligu li jiġi pprovdut aċċess għall-inġinerija ċivili jista' jkun ġustifikat irrispettivament minn jekk l-infrastruttura fiżika li għaliha jingħata aċċess hix parti mis-suq rilevanti regolat u jenħtieġ li titqies mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali qabel ma jiġu imposti obbligi oħra ta' aċċess downstream, jekk ikunu proporzjonati u suffiċjenti biex jippromwovu l-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-utenti finali.

(29) Fir-rigward tas-swieq tal-broadband bl-ingrossa, il-prodotti ta' aċċess virtwali jistgħu jitfasslu b'mod li juru karatteristiċi tal-prodott simili jew ugwali, irrispettivament mill-post fejn jinsab il-punt ta' trasferiment għall-aċċess. Għalhekk, jista' jkun teknikament possibbli li jiġi pprovdut aċċess għall-broadband bl-ingrossa fil-livell ċentrali jew lokali bi kwalità tas-servizz komparabbli kemm mill-perspettiva ta' min ikun qed ifittex aċċess kif ukoll mill-perspettiva tal-utenti finali. F'dan il-kuntest kemm il-karatteristiċi tal-prodott kif ukoll ir-rieda ta' dawk li jfittxu aċċess li jemigraw bejn il-punti ta' aċċess jew li jagħmlu użu minn diversi punti ta' trasferiment fi ħdan l-arkitettura tan-network jeħtieġ jiġu analizzati bħala parti mill-analiżi tas-sostitwibbiltà.

(30) Ħafna operaturi alternattivi telgħu l-iskaluni tal-investimenti u żviluppaw in-networks tagħhom stess għall-punt ta' aċċess lokali. Dawk l-operaturi aktarx ma jqisux il-prodotti ta' aċċess ċentrali bħala sostitut għall-aċċess lokali għax iħallu l-investimenti fl-infrastruttura tan-network tagħhom iżolati. Fl-istess ħin, għandu jiġi rikonoxxut li n-network ta' aċċess hu l-aktar parti diffiċli tan-network biex jiġi replikat minħabba l-kostijiet għaljin ta' varar mitlufa fir-rigward tan-numru ta' klijenti li jistgħu jibbenefikaw mill-varar.

(31) Minkejja ż-żieda osservata fil-kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura, l-aċċess lokali għadu kkaratterizzat minn ostakli kbar għad-dħul u għadu regolat fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Is-suq tal-aċċess lokali bl-ingrossa għadu jissodisfa t-test tat-tliet kriterji, għax in-network ta' aċċess hu l-aktar parti tan-network diffiċli biex jiġi replikat. Madankollu, fuq bażi progressiva, l-ostakli għad-dħul fis-suq ċentrali tal-aċċess ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala għoljin u mhux tranżitorji fil-livell tal-Unjoni għax is-suq għandu tendenza lejn kompetizzjoni effettiva minħabba l-preżenza ta' pjattaformi alternattivi, id-disponibbiltà kummerċjali mifruxa tal-kapaċità tat-trunk u l-possibbiltà li operaturi interkonnessi lokalment jipprovdu aċċess ċentrali. Meta prodotti ta' aċċess, ipprovduti f'diversi punti ta' trasferiment, jiġu identifikati bħala sostituti f'ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, is-suq jenħtieġ jinstab li jinkludi dawn il-prodotti kollha. Jekk suq wiesa' bħal dan jissodisfax it-test tat-tliet kriterji jeħtieġ jiġi stabbilit każ b'każ.

(32) Il-kapaċitajiet akbar tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika li jipprovdu prodotti tas-suq tal-massa jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-konnettività anki ta' ċerti klijenti kummerċjali. Madankollu, segment importanti tas-suq tan-negozju, kif ukoll id-domanda l-ġdida li toħroġ mid-diġitizzazzjoni tal-industrija u minn fatturi soċjoekonomiċi ewlenin bħas-servizzi pubbliċi, pereżempju sptarijiet u skejjel, se jirrikjedu wkoll konnessjonijiet iddedikati. Għalhekk, ċerti negozji għadhom jirrikjedu prodotti b'karatteristiċi li huma distinti minn dawk tal-prodotti tas-suq tal-massa.

(33) Bil-ħsieb li jiddelinjaw il-konfini tas-suq għal kapaċità ddedikata u prodotti oħra ta' aċċess għan-negozju, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li, filwaqt li jiżguraw li l-prodotti rilevanti bl-ingrossa jikkorrispondu għall-problema identifikata tas-suq bl-imnut, iqisu diversi fatturi bħal funzjonalitajiet differenti tal-prodott u l-użu maħsub, l-evoluzzjoni tal-prezzijiet matul iż-żmien u l-elastiċità bejn il-prezzijiet. Il-karatteristiċi distintivi tal-prodott tal-kapaċità ddedikata huma l-kapaċità tagħhom li jipprovdu konnessjonijiet iddedikati u mhux kondiviżi u veloċitajiet simmetriċi u jenħtieġ jiġu vvalutati, bħal fil-każ ta' prodotti fi swieq oħra, permezz ta' analiżi tas-sostitwibbiltà.

(34) Il-varar ta' infrastrutturi alternattivi li jipprovdu konnettività tal-fibra ddedikata għan-negozju, żdied b'mod sinifikanti b'mod partikolari f'żoni b'popolazzjoni aktar densa, ċentri kummerċjali u distretti tan-negozju. Madankollu, jista' jkun hemm oqsma fejn, anki jekk l-użu ta' infrastruttura alternattiva għall-konnettività tas-suq tal-massa jista' jkun ekonomikament vijabbli, jista' jkun inqas ekonomikament vijabbli li jiġu duplikati networks li jipprovdu konnessjonijiet iżolati ddedikati minħabba d-daqs tas-suq indirizzabbli. F'dawk iż-żoni b'popolazzjoni inqas densa, minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura, hemm riskju li d-domanda għal kapaċità ddedikata ma tkunx moqdija minn offerti kompetittivi fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni.

(35) Fiż-żewġt iswieq tal-aċċess bl-ingrossa msemmija hawn fuq, il-problemi kompetittivi aktarx li ma jippersistux b'mod uniformi fi Stat Membru partikolari u swieq bħal dawn jenħtieġ li jkunu soġġetti għal analiżi ġeografika bir-reqqa. Għalhekk, meta jiddefinixxu s-swieq rilevanti skont l-Artikolu 64(3) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jidentifikaw żoni ġeografiċi fejn il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu omoġenji biżżejjed u li jistgħu jintgħarfu minn żoni fil-qrib fejn il-kundizzjonijiet prevalenti tal-kompetizzjoni jkunu sostanzjalment differenti, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-kwistjoni dwar jekk l-operatur potenzjali li għandu saħħa sinifikanti fis-suq jaġixxix b'mod uniformi fiż-żona tan-network kollha tiegħu jew jekk iħabbatx wiċċu ma' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sostanzjalment differenti sa tali punt li l-attivitajiet tiegħu huma limitati f'xi żoni iżda mhux f'oħrajn.

(36) Sal-lum, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali sabu li l-biċċa l-kbira tas-swieq huma nazzjonali minħabba li n-network tar-ram tal-operatur preeżistenti kellu kopertura nazzjonali. Madankollu, hekk kif il-varar ta' networks alternattivi jimxi 'l quddiem, il-kundizzjonijiet kompetittivi jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti u sostenibbli bejn żoni differenti tal-istess Stat Membru (pereżempju bejn żoni urbani u rurali), u b'hekk tkun meħtieġa d-definizzjoni ta' swieq ġeografiċi separati.

(37) Għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq ġeografiku, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li jiddefinixxu unità ġeografika bażika bħala punt tat-tluq għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet kompetittivi. Din l-unità tista' ssegwi t-topoloġija tan-network jew il-konfini amministrattivi, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali. Fil-każijiet kollha, skont il-prattika tal-Kummissjoni ([4]), l-unità ġeografika jenħtieġ tkun (a) ta' daqs xieraq, jiġifieri żgħira biżżejjed biex jiġu evitati varjazzjonijiet sinifikanti ta' kundizzjonijiet kompetittivi fi ħdan kull unità iżda kbira biżżejjed biex tiġi evitata mikroanaliżi intensiva fir-riżorsi u ta' piż li tista' twassal għall-frammentazzjoni tas-suq, (b) kapaċi tirrifletti l-istruttura tan-network tal-operaturi rilevanti kollha, u (c) ikollha konfini ċari u stabbli maż-żmien. Fir-rigward tal-kundizzjoni (b), l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jiddependu, meta rilevanti, fuq l-istħarriġ ġeografiku tan-networks imwettaq skont l-Artikolu 22 tal-Kodiċi.

(38) Skont il-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni, u abbażi tal-analiżi tal-unitajiet ġeografiċi deskritti hawn fuq, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li mbagħad jistabbilixxu l-ewwel definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-swieq ġeografiċi billi jaggregaw flimkien l-unitajiet li juru kundizzjonijiet kompetittivi simili. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jivvalutaw il-kundizzjonijiet kompetittivi b'mod progressiv, billi jħarsu lejn l-indikaturi strutturali u tal-imġiba, filwaqt li jqisu b'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 64(3) tal-Kodiċi, l-importanza tal-kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura. Dawn l-indikaturi jistgħu jkunu fost l-oħrajn l-impronta tan-networks, l-għadd ta' networks li jikkompetu bejniethom, l-ishma tas-suq rispettivi tagħhom, ix-xejriet fl-ishma tas-suq, l-imġiba tal-ipprezzar lokalizzata jew uniformi, il-karatteristiċi tad-domandi u l-bdil u l-attrizzjoni tal-klijenti. Id-definizzjoni li tirriżulta tas-swieq ġeografiċi jenħtieġ tiġi vverifikata ma' analiżi tas-sostitwibbiltà mil-lat tad-domanda u l-provvista. F'dan l-istadju jistgħu jiġu analizzati s-swieq ġeografiċi li ma jmissux ma' xulxin u li jippreżentaw kundizzjonijiet kompetittivi simili.

(39) Varjazzjonijiet sinifikanti ta' kundizzjonijiet kompetittivi jenħtieġ li jitqiesu fuq bażi progressiva fl-istadju tad-definizzjoni tas-suq. Is-segmentazzjoni tar-rimedji tista' tintuża biex tindirizza varjazzjonijiet inqas sinifikanti jew inqas stabbli fil-kundizzjonijiet kompetittivi, inkluż billi jiġu aġġustati r-rimedji perjodikament jew fil-ħin, mingħajr ma b'hekk tiddgħajjef il-prevedibbiltà regolatorja.

(40) L-Artikolu 75 tal-Kodiċi jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta att delegat li jistabbilixxi rata massima unika ta' terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile madwar l-Unjoni kollha u rata massima unika ta' terminazzjoni ta' sejħiet fuq linji fissi fl-Unjoni kollha (flimkien imsejħa "ir-rati ta' terminazzjoni ta' sejħiet mal-Unjoni kollha"). Ir-rati ta' terminazzjoni ta' sejħiet mal-Unjoni kollha se japplikaw direttament għal kull fornitur ta' servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati fissi u mobbli fl-Unjoni. Ir-rati uniċi ta' terminazzjoni ta' sejħiet mal-Unjoni kollha huma bbażati fuq il-kostijiet effiċjenti tal-forniment tas-servizzi ta' terminazzjoni. L-applikazzjoni tar-rati ta' terminazzjoni ta' sejħiet mal-Unjoni kollha se tillimita l-kapaċità tal-operaturi tat-telefonija mobbli u fissa li jistabbilixxu rati ta' terminazzjoni eċċessivi. Għalhekk, ir-riskju ta' rati ta' terminazzjoni eċċessivi, li kien l-aktar theddida serja għall-kompetizzjoni f'dawn is-swieq, jispiċċa. Minħabba l-orjentazzjoni stretta tal-kostijiet applikata fl-istabbiliment tar-rati ta' terminazzjoni ta' sejħiet mal-Unjoni kollha, kif jeżiġi l-Kodiċi, ir-rati ta' terminazzjoni jenħtieġ ikunu simili għal dawk mistennija f'każ ta' swieq kompetittivi. Għalhekk, is-swieq ta' terminazzjoni ma jibqgħux jissodisfaw it-test tat-tliet kriterji fil-livell tal-Unjoni.

([4]) B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni C/2018/2374 — Linji gwida dwar l-analiżi tas-suq u l-valutazzjoni tas-saħħa sinifikanti tas-suq skont il-qafas regolatorju tal-UE għan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU C 159, 7.5.2018, p. 1).

(41) Madankollu, ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jiġġustifikaw ir-regolamentazzjoni ta' aspetti magħżula tas-swieq ta' terminazzjoni f'xi Stati Membri. Ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi jistgħu jindikaw li dawn is-swieq ma għandhomx tendenza jxaqilbu lejn kompetizzjoni fuq bażi progressiva jew li għad hemm problemi kompetittivi. Dan jista' jkun il-każ meta l-operaturi ġew miċħuda interkonnessjoni jew esperjenzaw problemi bit-terminazzjoni ta' sejħiet min-network tagħhom f'networks ta' operaturi oħrajn. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jindirizzaw problemi bħal dawn, jew billi jimponu obbligi bbażati fuq l-SMP għajr il-kontroll tal-prezz, jekk it-test tat-tliet kriterji jiġi ssodisfat, jew billi jużaw għodod regolatorji xierqa oħra, jiġifieri l-Artikolu 61(2) tal-Kodiċi, jekk il-kundizzjonijiet speċifikati hemmhekk jiġu ssodisfati.

(42) Is-swieq elenkati fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni ma għadhomx jinkludu tliet swieq li kienu elenkati fir-Rakkomandazzjoni tal-2014 peress li ma jissodisfawx it-test tat-tliet kriterji, jiġifieri s-swieq għat-terminazzjoni bl-ingrossa ta' telefonati fuq networks pubbliċi individwali pprovduti f'post fiss (is-suq 1), it-terminazzjoni bl-ingrossa ta' sejħiet bil-vuċi fuq networks mobbli individwali (is-suq 2), u l-aċċess ċentrali bl-ingrossa pprovdut f'post fiss għal prodotti tas-suq tal-massa (is-suq 3b).

(43) Is-swieq li jifdal tar-Rakkomandazzjoni tal-2014, jiġifieri s-swieq 3a (l-aċċess lokali bl-ingrossa pprovdut f'post fiss) u 4 (l-aċċess bl-ingrossa ta' kwalità għolja pprovdut f'post fiss), dan tal-aħħar definit mill-ġdid parzjalment, għadhom jirrikjedu regolamentazzjoni *ex ante* peress li jissodisfaw it-test tat-tliet kriterji fil-livell tal-Unjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ iqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom meta jiddelinjaw dawn is-swieq, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni ġeografika tagħhom.

(44) Bil-ħsieb li tiġi żgurata kunsiderazzjoni adegwata tal-impatt tar-regolamentazzjoni imposta fuq swieq relatati meta jiġi ddeterminat jekk suq partikolari jeħtieġx regolamentazzjoni *ex ante*, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li jiżguraw li s-swieq relatati jiġu analizzati b'mod konsistenti u, fejn possibbli, fl-istess ħin jew qrib kemm jista' jkun ta' xulxin fiż-żmien.

(45) Meta jikkunsidraw jekk għandhomx jemendaw jew iżommu l-obbligi regolatorji eżistenti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ japplikaw ukoll it-test tat-tliet kriterji għal dawk is-swieq elenkati fl-Annessi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/311/KE [5], ir-Rakkomandazzjoni 2007/879/KE [6] u r-Rakkomandazzjoni 2014/710/UE iżda ma għadhomx elenkati fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(46) Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ġie kkonsultat skont l-Artikolu 64(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 u ta opinjoni fis-16 ta' Ottubru 2020.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Fid-definizzjoni tas-swieq rilevanti xierqa għaċ-ċirkostanzi nazzjonali skont l-Artikolu 64(3) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ janalizzaw is-swieq tal-prodotti u tas-servizzi identifikati fl-Anness.

2. Meta jikkunsidraw li xi wieħed mis-swieq elenkati fl-Anness mhuwiex suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante* fiċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ iwettqu t-test tat-tliet kriterji u juru, u l-Kummissjoni se tivverifika, li tal-inqas wieħed mit-tliet kriterji msemmija fl-Artikolu 67(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 ma jkunx issodisfat.

---

[5] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/311/KE tal-11 ta' Frar 2003 dwar swieq rilevanti ta' prodotti u servizzi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma suxxettibbli għar-regolamentazzjoni *ex ante* f'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 114, 8.5.2003, p. 45)https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32003H0311

[6] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/879/KE tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar is-swieq rilevanti tal-prodotti u tas-servizzi fi ħdan is-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma suxxettibbli għal regolazzjoni *ex ante* skont id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 344, 28.12.2007, p. 65)https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32007H0879

3. Meta jidentifikaw is-swieq ġeografiċi rilevanti fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 64(3) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ iwettqu analiżi granulari tad-domanda u tas-sostitwibbiltà mil-lat tal-provvista, li tibda minn unità ġeografika xierqa, u jaggregaw tali unitajiet li juru kundizzjonijiet kompetittivi simili. Il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet kompetittivi jenħtieġ tkun progressiva u bbażata, fost l-oħrajn, fuq l-għadd u l-karatteristiċi ta' networks li jikkompetu magħhom, id-distribuzzjoni u t-tendenzi fl-ishma, il-prezzijiet u t-tendenzi fl-imġiba tas-suq.

4. Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet tas-suq, ir-riżultati tal-analiżi tas-suq u l-obbligi regolatorji adottati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont il-qafas regolatorju fis-seħħ qabel id-data tal-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

5. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Thierry BRETON
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Suq 1: Aċċess lokali bl-ingrossa pprovdut f'post fiss

Suq 2: Kapaċità dedikata bl-ingrossa